MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2007

Numru 925/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**
**Spettur Raymond Aquilina**
**V**

**CARMEL GALDES**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **CARMEL GALDES** ta' erbghin sena bin Paul u Maria nee Attard, imwieled H'Attard nhar s-sebgha ta' Awissu 1965 u residenti Mary Court, Flat 2, Triq Cassarino, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 0392765M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-hamsa ta' Settembru 2005, f'Mary Court, Flat 2, Triq Cassarino, San Pawl il-Bahar, f'xi hin bejn s-sitta ta' filghaxija u nofs l-lejl, minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Michelle Galdes f'perikolu car, ikkagunalha offizi gravi li jikkagunaw debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti

tal-gisem, gabu difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew li x'aktarx tkun hekk.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 2006 sabiex din l-kawza, fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta' nhar t-tmienja ta' Novembru 2006 [fol 82].

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jiddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruhhom ghal atti kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-erbgha ta' Dicembru 2006 [fol 83].

Ikkunsidrat:

Illi nhar it-tnejn ta' Novembru 2005 **xehdet l-Ispettur Therese Sciberras** [fol 10] fejn qalet li nhar l-hamsa ta' Settembru 2005, ghal habta tad-disgha ta' bil-lejl, irceviet rapport l-ghassa l-Qawra minghand certa Michelle Galdes detentrici tal-karta tal-identita` 6455A li toqghod Mary Court, Triq Cassarino, San Pawl il-Bahar, fejn allegat li kellha argument mar-ragel u kien spicca weggahha. Il-pulizija marret mill-ewwel fuq il-post fejn kien hemm zewgha, certu Carmel Galdes, l-imputat odjern, li meta gie mitkellem, stqarr li hu u martu kellhom xi jghidu minhabba l-fatt li martu kellha problema ta' xorb.

Qalet li nfatti, meta hi marret l-ghassa, kellha riha ta' xorb ghalkemm kienet fi stat li taf x'qed tghid. Ix-xhud kompliet tghid li l-imputat kien qalilha li dakinhar, hu mar lura d-dar ghal habta tas-sitta ta' filghaxija u ra lil martu kienet xorbot xi ftit u spiccaw jargumentaw. L-imputat qalilha wkoll li martu bdiet taghtih u hu pprova jiddefendi ruhu. Michelle

Galdes qaltilha li kienet xorbot xi ftit inbid pero ma kienetx fis-sakra u li peress li dak ma kienx l-ewwel argument ma zewgha l-imputat, xtaqet li titlaq mid-dar. Qalet li Michelle Galdes ittiehdet l-isptar fejn inzammet ghal xi zmien u kienet giet certifikata li kienet qed tbati minn ksur f'imnehirha u *perforated left ear drum* apparti xi tbengil li kellha.

Ix-xhud kompliet tghid li l-imputat gie mitkellem wkoll mill-Ispettur Raymond Aquilina fejn qallu wkoll li meta rritorna lura d-dar kellu xi argument ma martu, hi bdiet tipprova tohrog mill-bieb tal-gallarija, hu haseb li kienet ser tipprova taqbez w ghalhekk qabadha minn ghonqha biex iwaqqafha. Qal li hi waqghet mal-art u wara marru jorqdu. Qallu li hu kien qed jara t-*television* fis-*sitting room* u wara xi ftit gew il-pulizija jhabbtu u staqsewh ghal mara. Qal li fethilhom l-bieb u talbu lil martu tmur tkellimhom. Ix-xhud kompliet tghid li l-imputat kien ammetta li kien taha daqqa f'wiccha lil martu u wegghalha widnejha pero dwar il-feriti t'imnehirha, hu ma kien jaf xejn.

Kompliet tghid li Michelle Galdes giet mitkellma nhar t-tmienja ta' Settembru 2006, fejn din qalet li meta zewgha l-imputat rritorna d-dar ghal habta tas-sitta w nofs ta' fighaxija, hi marret tixtri xi ikel minn barra u meta giet lura, laqtet il-mejda u per konsegwenza ta' dan, l-ikel ta' zewgha waqa mal-art. Qalet li hi qabadha minn ghonqha u qalilha tigbru u meta rrifjutat spiccaw jiggieldu u hu laqatha *on the left side of her face*. Qalet li l-imputat kien qabad minn ghonqha u ma ftakret xejn aktar sakemm mar iqajjimha fil-kamra tas-sodda. Stqarret li l-argument beda fil-kcina u ma ftakritx kif spiccat fil-kamra tas-sodda. Qalet wkoll li hi kienet avvicinat *social worker* li ssuggeritilhom imorru ghal *counselling*. Qalet li hi ma rieditx li zewgha jittella' l-Qorti, pero minhabba n-natura tal-feriti dan ma kienx possibbli. Ix-xhud esibiet certifikat mediku mahrug minn Doctor David Ellul tal-isptar San Luqa nhar s-sitta ta' Settembru 2005 ghal habta tal-erbgha nofs ta' filghodu, certifikat mediku iehor mahrug minn Doctor Nabil Victor Dorchom tal-Casualty Department tal-istess sptar San Luqa nhar s-sitta ta' Settembru 2005 fit-tlieta ta' filghodu, certifikat mediku iehor mahrug minn Doctor Raymond

Borg tal-Mosta Health Centre datat sitta ta' Settembru 2005 fin-nofs siegha ta' fighodu, kopja tar-rapport 9V/3127/2005 li nhareg mill-ghassa tal-Qawra u kopja tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar d-disgha ta' Settembru 2005 fil-presenza tal-Ispettur Raymond Aquilina u WPC 64 Connie Cauchi, liema dokumenti gew immarkati minn dokumenti CS sa CS 5.

Illi nhar t-tnejn ta' Novembru 2005 **xehed Doctor Raymond Borg** [fol 24] fejn qal li hu kien ezamina lil Michelle Galdes nhar s-sitta ta' Settembru 2005 ghal habta tas-siegha neqsin ghoxrin ta' filghodu fil-Mosta Health Centre, fejn sab li kienet qed issofri minn tbengil fuq in-naha tax-xellug ta' wiccha, x-xedaq tal-xellug, il-widna tax-xellug, emorigija mill-widna x-xellugija, tbengil fuq l-id x-xellugija, lacerazzjoni superficjali fuq l-imnieher, tbengil fuq l-wicc n-naha tax-xellug u nuqqas ta' vista fl-ghajn tax-xellug. Qal li hu kien baghat lil pazjenta l-isptar ghal aktar investigazzjoni medika b'mod partikolari fuq il-widna in vista tal-ghajnejn u l-wicc. Qal li hu ma setgha jiehu ebda decizjoni dwar x'tip ta' natura dawn il-griehi kienu.

Illi nhar it-tmienja w ghoxrin ta' Dicembru 2005 **xehed l-Ispettur Raymond Aquilina** [fol 32] fejn qal li nhar s-sebgha ta' Settembru 2005, kien gie nfurmat mill-Ispettur Therese Sciberraas li fil-hamsa ta' Settembru 2005, kien hemm argument bejn Michelle Galdes u zewgha Carmel Galdes. Sussegwentement wara dan l-incident, Michelle Galdes kienet ittiehdet l-poliklinika tal-Mosta u wara mehuda l-isptar San Luqa ghal trattament tal-griehi li kienet garrbet. Qal li kien gie mgharraf wkoll li l-griehi li sofriet kienu ta' natura gravi u kienu jikkonsistu fi *fracture* fl-imnieher, *left ear drum perforation* u xi griehi ohra. Kompla jghid li minhabba dawn il-griehi Michelle Galdes inzammet l-isptar fil-ward WS2 u giet rilaxxjata nhar s-sebgha ta' Settembru 2005, jigifieri fil-gurnata li hu gie mgharraf b'dan l-incident. Ix-xhud kompla jghid li nhar t-tmienja ta' Settembru 2005, u kellem lil Michelle Galdes fl-ufficju tieghu fejn hi rrilaxxjat stqarrija li fiha spjegat li dakinhar tal-incident hi kienet xorbot xi nbid qabel ma kien gie lura d-dar zewgha l-imputat. Qalet li ghal habta tas-

sitta w nofs ta' filghaxija rritorna lura zewgha u hi kienet ghadha ma lestiet xejn ghal ikel w ghalhekk hi harget u marret tixtri xi kebabs minn hanut fil-vicin. Qalet li waqt li kienu jieklu hi u zewgha, hi laqtet il-mejda u l-ikel ta' zewgha spicca mal-art w ghalhekk zewgha qabadha minn xaghraha u gieghla tigbor l-ikel pero hi bdiet tirrifjuta w inqala argument bejniethom. Qalet li waqt dan l-argument, zewgha taha daqqa fuq in-naha tax-xellug ta' wiccha u qabadha minn ghonqha u kaxkarha mad-dar kollha. Ftakret wkoll li ghal habta tal-ghaxra ta' bil-lejl kienu marru l-pulizija w ghenuha ghaliex hi kienet marret torqod. Qalet li kienu staqsewha x'kien gralha u hi qaltilhom li zewgha kien taha bis-sieq. Qalet li l-pulizija kienu staqsewha jekk kellhiex fejn tmur u hi qaltilhom li ma kellhiex u li riedet tirrapporta l-kaz lil pulizija.

Ix-xhud zied jghid li in fatti hi nizlet l-ghassa l-Qawra fejn sabet lil Ispettur Therese Sciberras u spjegatilha x'kien gara u li kienet lesta li tiehu passi kontra zewgha l-imputat. Michelle Galdes kienet wkoll mistoqsija jekk qabel l-allegat incident kellhiex xi griehi u hi kienet wiegbet li ma kellhiex u li dawk li kellha kienu gew kagjonati minn zewgha l-imputat waqt dak l-incident. Qalet li Michelle Galdes kienet qalet li l-incident kien sehh fil-kcina u meta marru l-pulizija hi kienet fis-sodda rieqda.

L-Ispettur Raymond Aquilina kompla jghid li nhar d-disgha ta' Settembru 2005, hu tkellem mal-imputat fejn hu, ghal habta tal-hdax neqsin hamsa ta' filghodu, fil-presenza ta' WPC 64 Connie Cauchi, rrilaxxja stqarrija wara li nghata s-solita twissija, liema stqarrija kien ghazel li jiffirma u tinsab esibita fl-atti bhala dokument TS 5. Qal li f'din l-istqarrija l-imputat kien spjega li dakinhar tal-incident, hu kien irritorna lura d-dar mix-xoghol u sab lil martu xurbana u li ma kienet sajjret xejn ghal ikel. Spjega li martu kienet harget xtrat xi kebabs u kif kienu qed jieklu, qam argument bejniethom u martu laqtet il-mejda u l-ikel waqa mal-art. Spjega wkoll li hu kien qabad lil martu minn xaghrha u gieghlha tigbor l-ikel pero hi rrifjutat u qam argument u hi bdiet tipprova taghtih u hu beda jilqa. Spjega wkoll li kien veru li taha daqqa fuq wiccha n-naha tax-xellug minhabba li kienet aggressiva mieghu, u din

spiccat mal-art. Spjega wkoll li wara dan l-argument martu qamet mill-art u marret hdejn il-bieb tal-gallarija u hu mar warajha u qabadha minn ghonqha ghax haseb li kienet ser tiftah il-bieb u taqbez ghal isfel. Ftakar li ghal habta tal-ghaxra ta' bil-lejl, kienu marru l-pulizija u kellmu lil martu u marret l-ghassa maghhom. Spjega li kif martu telqet mid-dar hu mar warajha bil-karozza tieghu u mar wkoll l-ghassa, pero dak l-hin hadd ma kellmu. Qal li kien mar jaghmel certifikat mediku l-poliklinika tal-Mosta minhabba l-griehi li kien garrab li kienu ta' natura hafifa.

Illi **nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2006 xehed PS 676 Carmelo Spiteri** [fol 45] fejn qal li f'Settembru 2005 kien ircieva rapport l-ghassa l-Qawra li kien sehh xi argument f'St. Mary Flat, Flat 2, Triq Cassarino, San Pawl il-Bahar w ghalhekk kien mar ma PC 716 fuq il-post fejn kellem lil imputat presenti fl-awla. Qal li l-imputat kien qallu li kien sab lil martu fis-sakra w ghalhekk inqala argument verbali bejniethom. Qallu li f'dak l-incident hi sofriet xi griehi ta' natura hafifa u hu sofra xi griehi ta' natura hafifa wkoll. Ix-xhud kompla jghid li l-imputat kien gablu certifikat mediku tal-feriti li sofra li kienu ta' natura hafifa. Qal li tkellem wkoll ma Michelle Galdes li qaltlu li meta zewgha l-imputat rritorna lura d-dar mix-xoghol hi kienet fis-sakra w inqala incident. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument CS.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 2006 **xehdet WPC 64 Connie Cauchi** [fol 562] fejn wara li giet murija stqarrija immarkata bhala dokument CS 5 a fol 21 tal-atti, hi kkonfermat li dik kienet giet rilaxxjata mill-imputat presenti fl-awla wara li nghata s-solita twissija fil-presenza taghha. Hi kkonfermat l-firma taghha, dik tal-Ispettur Raymond Aquilina u tal-imputat fuq kull faccata taghha li tikkonsisti fi tlett faccati.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 2006 **xehdet Maureen Mahoney** [fol 58] fejn qalet li hi tahdem bhala Principal Officer mad-Dipartiment tas-Sahha u tinsab stazzjonata l-Human Resources tal-isptar San Luqa. Qalet li hi giet mitluba tghid jekk Doctor Nabil Victor Dorchom ghadux impjegat mad-Dipartiment tas-Sahha. Qalet li dan kien

irrizenja b'effett mill-ewwel ta' Novembru 2005 w esibiet kopja tar-rizenja tieghu li giet immarkata bhala dokument 'S' u formola tal-ETC li giet mmarkata bhala dokument 'T'.

Illi **nhar s-sbatax ta' Awissu 2006 xehed Doctor Eric Farrugia** [fol 74] fejn qal li hu kien gie nominat sabiex jezamina lil Michelle Galdes b'digriet tat-tmienja w ghoxrin ta' Dicembru 2005. Ix-xhud ikkonferma li hu ezaminha nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2006 fil-presenza ta' zewgha. Qal li hi xtaqet li twaqqaf l-kaz kontra zewgha minnufih. Qal li hi allegat mieghu li nhar d-disgha ta' Settembru 2005, kienet xorbot u kellha argument ma zewgha l-imputat u gew fl-idejn. Qal li Michelle Galdes kellha tbengil madwar ghajnejha u ttiehdet l-isptar fejn inzammet ghal investigazzjoni w osservazzjoni. Qaltlu li meta kienet zghira hi kellha xi problemi b'widnejja ix-xellugija pero ma offriet ebda *complaint*.

Qal li meta ezaminha sab li widnejja tax-xellug u tal-lemin, kellhom t-tambur intatt u kien normali fit-tnejn. Qal li ezamina wkoll l-imnieher taghha u l-gerzuma, u l-ghonq, u sab li kollox kien normali wkoll. Qal li ghamel *hearing assessment* u sab li kien *within the normal range* kemm fix-xellug kif wkoll fil-lemin. Qal li meta kienet iddahhlet l-isptar Michelle Galdes kienet giet ezaminata mit-tabib tal-ENT u kellha toqba fit-tambur tax-xellug, pero sa dakinhar li hu raha, din il-ferita kienet ghalqet u ma kienx hemm konsegwenzi. Qal li hu kien ikklassifika dawn l-feriti bhala gravi, ghaliex kien hemm *perforation* fit-tambur biex kien hemm fejqan spontaju u ma kienx hemm *physical impairment*. Spjega li l-imnieher kien normali u ma kien hemm ebda frattura.

Ix-xhud esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument EF [fol 77]. Qal li kellu jerga jara l-*history file* ta' Michelle Galdes sabiex jirrelata dwar imnehirha. Kompla jghid li l-incident kien sehh f'Settembru 2005 u hu ezaminha f'Marzu 2006 w ghalhekk meta qal li kien hemm *perforation* tat-tambur tal-widna, kien qed jirrelata dwar dak li rrizultalu minn dak li kien ezaminha fil-Casualty dakinhar tal-incident. Qal li gieli l-*perforation* tibqa toqba pero fil-kaz ta' Michelle Galdes, kienet ghalqet. Zied

jghid li huma jaghtu perjodu ta’ tlett xhur biex tali ferita taghlaq u f’kaz li taghlaq, ma tittiehed ebda procedura ulterjuri.  Qal li jekk ma tghalaqx, issir operazzjoni.

Il-Qorti kienet b’digriet tas-sbatax ta’ Awissu 2006 estendiet l-inkarigu ta’ Doctor Eric Farrugia sabiex jara l-*history file* ta’ Michelle Galdes, b’mod partikolari l-X Rays ta’ wiccha mizmuma fl-isptar San Luqa fid-dawl tad-dokumenti mehuda minn Doctor Nabil Dorman f’Novembru 2005 kif wkoll fid-dawl ta’ dak li rrelata Doctor David Ellul.

Illi nhar d-disgha ta' Ottubru 2006 **rega’ xehed Doctor Eric Farrugia** [fol 80] fejn qal li in segwitu ghan-nomina tieghu hu ezamina l-X Rays mizmuma fl-isptar San Luqa fil-*history file* ta’ Michelle Galdes.  Qal li dawn l-X Rays hu kellu problema biex isibhom ghaliex il-*filing* tal-Casualty mhux l-istess bhal *filing* tad-dipartimenti tal-isptar San Luqa.  Qal li hu ghamel referenza ghan-notamenti li kien hemm fil-*history file* taghha.  Spjega li hu kien ezaminha meta kienet marret quddiemu l-ewwel darba.  Qal li l-*entry notes* tal-emergenza tas-sitta ta’ Settembru 2005, kienu tobba li ezaminaw w ikkummentaw li hi kellha ksur fl-ghadma tal-imnieher u kellha wkoll xi ksur fil-qarquca cioe *septum* tal-imnieher.  Qal li hu kkonsulta n-noti tal-*out patient* tal-ENT u tal-Casualty tal-ENT tal-istess data tas-sitta ta’ Settembru 2005, fejn kienu kkummentaw li ma kienx hemm *deviation* tal-ghadam w ghalhekk l-imnieher kien ghadu dritt u ma kienx hemm tbengil fil-qarquca, *septum*.  Qal li b’hekk jikkonkludi li huwa minnu li Michelle Galdes kellha ksur fl-ghadam tal-imnieher u li ma kienx hemm bzonn t’intervent u li ma kinex hemm tghawwig jew diformita fl-imnieher w ghalhekk l-feriti kienu *grevious* pero mhux per durata ghaliex ghaddew fi zmien inqas minn xahar u ma hallew ebda difett.

Illi fit-tnejn ta’ Novembru 2005, Michelle Galdes, l-allegata vittma, tablet li tigi ezentata milli taghti x-xhieda taghha a bazi tal-fatt li tigi mart l-imputat u fil-fatt kienet ghadha tghix mal-imputat fid-dar matrimonjali taghhom w il-Qorti laqghet t-talba taghha.

Illi ghalhekk l-vittma ma xehditx f'dawn il-proceduri sabiex tikkonferma r-rapport taghha maghmul lil pulizija ezekuttiva.

Il-Qorti semghet wkoll lil prosekuzzjoni tiddikjara fl-istess seduta tat-tnejn ta' Novembru 2005, li ma kellhiex xhieda okulari tal-incident.

Illi pero jirrizulta li l-imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu, jammetti li taha daqqiet ta' harta lil martu u li gibdilha xaghrha pero jghid li ghamel dan sabiex jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni taghha ghaliex hi bdiet tmur ghalih waqt li kienet fis-sakra u sabiex ma jhallihiex tohrog mill-gallarija peress li beza' li kienet ser taqbez.

Illi dawn il-fatti mhux kontestati w ghalhekk jirrizulta bic-car li l-imputat ghamel dak li ghamel, sabiex jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni tal-vittma.

Ghalhekk **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 214, 218 u 221(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ma ssibx lill-imputat CARMEL GALDES hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu u tilliberah minnha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------